TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 576/10

**Mario Tabone**
**vs**
**What Mobile**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disgħa u sebgħin ewro (€79), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li minkejja li sarulu diversi tiswijiet, dan xorta baqa' bil-problemi.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* għal prezz ta' disgħa u sebgħin ewro (€79), mingħand id-ditta intimata u mill-ewwel beda bil-problemi u minkejja li saru diversi tiswijiet fuqu, kif ukoll biddel kollox minn ġewwa, dan xorta baqa' bil-problemi u li l-*mobile phone* għadu għand id-ditta intimata.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi kull ma' kellu bżonn huwa *software upgrade* u li kien biddillu kollox minn ġewwa u li kien ġie jaħdem tajjeb u li m'għandu l-ebda difett.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, iffaċċjat b'dawn iż-żewġ verżjonijiet, jrid jara min qed jgħid il-verita', pero' tenut kont tal-fatt illi r-rikorrenti kellu jieħu l-*mobile phone* diversi drabi għand l-intimat, hija aktar kredibli l-verżjoni tar-rikorrenti li kien hemm diversi ħsarat u li ma kienx tajjeb għall-użu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata u b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**